# KARTA EWROPEA DWAR L-AWTONOMIJA LOKALI




Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali
tal-Kunsill tal-Ewropa

The Congress
Le Congrès

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE

# Karta Ewropea
# Dwar L-Awtonomija Lokali

English edition:
*European Charter of Local Self-Government*

Reproduction of the texts in this publication is authorised provided that the full title of the source, namely the Council of Europe, is cited. If they are intended to be used for commercial purposes or translated into one of the non-official languages of the Council of Europe, please contact publishing@coe.int.

Cover and layout: SPDP, Council of Europee
Photo : Council of Europe

© Kunsill tal-Ewropa, 2016
Stampat fil-Kunsill tal-Ewropa

# Il-Werrej

Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa ........ 5

Karta ewropea dwar l-awtonomija lokali ........ 9

Protokoll Addizzjonali għall-Karta Ewropea Dwar l-Awtonomija Lokali dwar id-dritt ta’ parteċipazzjoni fl-affarijiet ta' awtorità lokali ........ 23

Karta Ewropea Dwar l-Awtonomija Lokali – Rapport ta’ spjegazzjoni ........ 33

# Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa

## Introduzzjoni

Il-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali huwa istituzzjoni unika fl-Ewropa b'responsabbiltà għall-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni tad-demokrazija lokali u reġjonali fis-47 stati membri tal-Kunsill tal-Ewropa. Ir-rwol primarju tiegħu huwa li jsaħħaħ u jissorvelja l-iżviluppi fid-demokrazija lokali u reġjonali.

F'dan il-kuntest, jissorvelja l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-Karta Ewropea Dwar l-Awtonomija Lokali - l-ewwel strument li huwa legalment vinkolanti, adottat fl-1985. Il-Karta saret trattat importanti ħafna għas-salvagwardja tad-drittijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, bħad-dritt ghat-tmexxija awtonoma, id-dritt li jeleġġu l-korpi lokali tagħhom, li jeżerċitaw is-setgħat tagħhom, li jkollhom strutturi amministrattivi u riżorsi finanzjarji, u d-dritt li jieħdu azzjoni legali fil-każ ta' indħil minn livelli oħra ta' gvern.

Meta jiffaċċjaw sitwazzjonijiet li fil-fehma tagħhom jistgħu jheddu l-mod kif joperaw, l-awtoritajiet lokali u reġjonali dejjem iduru lejn il-Kungress. Dawn is-sitwazzjonijiet huma ta' natura differenti; dawn jistgħu jittrattaw allegazzjonijiet ta' ksur dirett ta' dispożizzjoni tal-Karta, bħal nuqqas mill-gvern ċentrali li jikkonsulta lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fuq kwistjoni ta' interess dirett għalihom (Artikoli 4.6 u 9.6) jew każijiet fejn

ir-riżorsi finanzjarji tagħhom mhumiex proporzjonati mar-responsabbiltajiet tagħhom (Artikolu 9). Dawn l-allegazzjonijiet jistgħu wkoll ikunu marbuta ma' ksur indirett tal-ispirtu tal-Karta. Per eżempju, rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali jistgħu jitolbu lill-Kungress biex jivverifika jekk stat membru huwiex konformi mal-obbligi tiegħu li jirriżultaw mir-ratifika tiegħu tal-Karta. Il-Kungress jista' jara, per eżempju, kif in-numru tal-muniċipalitajiet ġie mnaqqas, jista' jikkummenta fuq liġi li tipprojbixxi persunal ta' xi parlament milli jieħu kariga eletta jew dwar abbozz ta' liġi li tneħħi l-kunsilli distrettwali fil-belt kapitali ta' pajjiż, jew jagħmel osservazzjonijiet dwar il-projbizzjoni tal-użu ta' lingwi minoritarji fl-affarijiet lokali. Il-kwistjonijiet li dwarhom il-Kungress jintalab li jagħti l-parir tiegħu dwar l-applikazzjoni tal-Karta ivarjaw ħafna.

Permezz tal-attivitajiet tiegħu ta' monitoraġġ, il-Kungress jiżgura li l-Karta tiġi applikata b'mod korrett u tgħin biex tinżamm b'saħħitha l-awtonomija lokali u reġjonali fl-Ewropa.

## Kif il-Kungress jissorvelja d-demokrazija lokali u reġjonali?

Il-Kungress:

- iwettaq żjarat regolari ta' monitoraġġ fis-47 Stati Membru;
- jeżamina aspetti partikolari tal-Karta;
- josserva elezzjonijiet lokali u reġjonali.

Wara ż-żjarat ta' monitoraġġ tiegħu, il-Kungress ifassal rapporti li huma adottati mill-Kumitat ta' Monitoraġġ. Dan il-kumitat japprova wkoll rakkomandazzjonijiet illi, ladarba jiġu adottati mill-Kungress, jiġu indirizzati lill-Istati Membri.

Mill-1995, madwar 103 rapport ta' monitoraġġ ġew adottati mill-Kungress u twettqu bosta riformi leġiżlattivi mill-Istati Membri. Dawn tal-aħħar jistghu wkoll jirratifikaw dispożizzjonijiet tal-Karta li ma kienux ntrabtu bihom meta ffirmaw it-trattat. Jistgħu wkoll jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiffirmaw u/jew jirratifikaw il-Protokoll Addizzjonali għall-Karta, dwar id-dritt ta' parteċipazzjoni fl-affarijiet ta' awtorità lokali.

## Proċeduri mtejba għall-monitoraġġ aħjar

Fl-2010, bħala parti mill-proċess ta' riforma tiegħu, il-Kungress adotta regoli dwar l-organizzazzjoni tal-proċeduri ta' monitoraġġ tiegħu (Riżoluzzjoni 307 (2010)), riveduta fl-2013 (Riżoluzzjoni 307 (2010) REV2).

Sabiex tittejjeb il-kwalità tal-monitoraġġ tiegħu, il-Kungress iddeċieda li:

- jwettaq monitoraġġ aktar regolari u sistematiku tal-pajjiżi li ffirmaw u rratifikaw il-Karta (bejn wieħed u ieħor kull ħames snin) u jintroduċi metodu strett u konsistenti għall-ħatra ta' relaturi sabiex jiggarantixxi l-imparzjalità totali tad-delegazzjoni responsabbli għall-monitoraġġ;
- jissupplimenta dan il-pro ess permezz ta' proċedura wara l-monitoraġġ ibbażata fuq id-djalogu politiku mal-awtoritajiet nazzjonali sabiex iressaq, flimkien mal-pajjiż ikkonċernat, l-aktar soluzzjonijiet xierqa għall-problemi identifikati mid-delegazzjoni u biex jiżgura l-implimentazzjoni malajr u effettiva tar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kungress fir-*road map* sottomessa lill-gvern.

B’dan il-mod, il-Kungress jgħin biex jinkisbu, fuq livell lokali u reġjonali, l-għanijiet fundamentali tal-Kunsill tal-Ewropa, li huma it-tisħiħ tad-demokrazija fid-dawl tal-Karta Ewropea Dwar l-Awtonomija Lokali u l-Protokoll Addizzjonali tagħha dwar id-dritt ta’ parteċipazzjoni fl-affarijiet ta’ awtorità lokali.

# Karta ewropea dwar l-awtonomija lokali

**Strasburgu, 15.X.1985**

## Preambolu

L-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, hawn firmatarji,

Jemmnu li l-għan tal-Kunsill tal-Ewropa huwa li jikseb għaqda akbar bejn il-membri għall-iskop tas-salvagwardja u t-twettiq tal-ideali u l-prinċipji li huma wirt komuni tagħhom;

Jemmnu li wieħed mill-metodi li permezz tagħhom dan il-għan jista' jinkiseb huwa permezz ta' ftehimiet fil-qasam amministrattiv;

Jemmnu li l-awtoritajiet lokali huma wieħed mis-sisien ewlenin ta' kull reġim demokratiku;

Jemmnu li d-dritt taċ-ċittadini li jipparteċipaw fit-tmexxija tal-affarijiet pubbliċi huwa wieħed mill-prinċipji demokratiċi li huma kondiviżi mill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa;

Jemmnu li huwa fil-livell lokali li dan id-dritt jista' jiġi eżerċitat aktar direttament;

Konvinti li l-eżistenza ta' awtoritajiet lokali b'responsabilitajiet reali jistgħu jipprovdu amministrazzjoni li hija kemm effettiva kif ukoll qrib taċ-ċittadin;

Konxji li l-ħarsien u t-tisħiħ ta' tmexxija awtonoma lokali fil-pajjiżi Ewropej differenti huma kontribut importanti għall-bini ta' Ewropa bbażata fuq il-prinċipji tad-demokrazija u d-deċentralizzazzjoni tal-poter;

Jisħqu li dan jinvolvi l-eżistenza ta' awtoritajiet lokali mogħnija b'korpi deċiżjonali kostitwiti demokratikament u li jkollhom livell wiesa ta' awtonomija fir-rigward tar-responsabbiltajiet tagħhom, u dwar kif dawk ir-responsabbiltajiet għandhom jiġu eżerċitati u dwar ir-riżorsi meħtieġa għat-twettiq tagħhom,

Ftehmu kif ġej:

## Artikolu 1

Il-Partijiet jimpenjaw rwieħhom li jqisu lilhom infushom marbuta bl-Artikoli segwenti bil-mod u sal-limitu preskritt fl-Artikolu 12 ta' din il-Karta.

# Parti I

## Artikolu 2 – Bażi kostituzzjonali u legali għall-awtonomija lokali

Il-prinċipju ta' tmexxija awtonoma lokali għandu jkun rikonoxxut fil-leġiżlazzjoni domestika, u fejn prattikabbli, fil-kostituzzjoni.

## Artikolu 3 – Kunċett ta' awtonomija lokali

1. L-awtonomija lokali tfisser id-dritt u l-kapaċità tal-awtoritajiet lokali li, fil-limiti tal-liġi, jirregolaw u jmexxu sehem sostanzjali tal-affarijiet pubbliċi taħt ir-responsabbiltà tagħhom stess u fl-interess tal-popolazzjoni lokali.

2. Dan id-dritt għandu jiġi eżerċitat mill-kunsilli jew assemblej magħmula minn membri eletti b'mod liberu b'vot sigriet fuq il-bażi ta' votazzjoni diretta, ugwali u universali, u li jista' jkollhom korpi eżekuttivi li jkunu responsabbli lejhom. Din id-dispożizzjoni bl-ebda mod ma taffettwa r-rikors għal assemblej taċ-ċittadini, referenda jew kwalunkwe forma oħra ta' parteċipazzjoni diretta taċ-ċittadini fejn ikun permess mill-istatut.

## Artikolu 4 – Għan ta' awtonomija lokali

1. Is-setgħat u r-responsabbiltajiet bażiċi tal-awtoritajiet lokali għandhom jiġu stabbiliti mill-kostituzzjoni jew mil-liġi. Madankollu, din id-dispożizzjoni m'għandhiex tipprevjeni l-għotja lill-awtoritajiet lokali ta' setgħat u responsabbiltajiet għal skopijiet speċifiċi skond il-liġi.

2. L-awtoritajiet lokali għandhom, fil-limiti tal-liġi, ikollhom diskrezzjoni sħiħa sabiex jeżerċitaw l-inizjattiva tagħhom dwar kull kwistjoni li mhijiex eskluża mill-kompetenza tagħhom u lanqas assenjata lil xi awtorità oħra.

3. Ir-responsabbiltajiet pubbliċi għandhom ġeneralment jiġu eżerċitati, idealment, minn dawk l-awtoritajiet li huma l-eqreb taċ-ċittadin. L-għotja tar-responsabbiltà lil awtorità oħra għandha tiżen l-ambitu u n-natura tal-kompitu u r-rekwiżiti ta' effiċjenza u ekonomija.

4. Is-setgħat mogħtija lill-awtoritajiet lokali għandhom normalment ikunu sħaħ u esklussivi. Dawn ma jistgħux jiġu mminati jew limitati minn xi awtorità oħra, ċentrali jew reġjonali, ħlief kif previst mil-liġi.

5. Fejn is-setgħat huma delegati lilhom minn awtorità ċentrali jew reġjonali, l-awtoritajiet lokali għandhom, safejn ikun possibbli, jingħataw id-diskrezzjoni biex jadattaw l-eżerċizzju tagħhom ghall-kondizzjonijiet lokali.

6. L-awtoritajiet lokali għandhom jiġu kkonsultati, safejn ikun possibbli, fi żmien xieraq u b'mod xieraq fil-proċessi ta' ppjanar u deċiżjonali dwar kwistjonijiet li jolqtuhom direttament.

## Artikolu 5 – Ħarsien tal-konfini tal-awtoritajiet lokali

Il-bidliet fil-konfini tal-awtoritajiet lokali m'għandhomx isiru mingħajr konsultazzjoni minn qabel mal-kommunitajiet lokali kkonċernati, possibilment permezz ta' referendum fejn dan ikun permess mill-istatut.

## Artikolu 6 – Strutturi amministrattivi xierqa u riżorsi għall-kompiti tal-awtoritajiet lokali

1. Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet legali aktar ġenerali, l-awtoritajiet lokali għandhom ikollhom is-setgħa li jiddeterminaw l-istrutturi amministrativi interni tagħhom stess sabiex jadattawhom għall-bżonnijiet lokali u tiġi żgurata ġestjoni effettiva.

2. Il-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati tal-gvern lokali għandhom ikunu tali li jippermettu r-reklutaġġ ta' persunal ta' kwalità għolja fuq il-bażi ta' mertu u kompetenza; għal dan il-għan għandhom jiġu pprovduti opportunitajiet adegwati ta' taħriġ, salarju u prospetti ta' avvanz fil-karriera.

## Artikolu 7 – Kundizzjonijiet li taħthom ir-responsabbiltajiet fil-livell lokali jiġu eżerċitati

1. Il-kundizzjonijiet tal-kariga tar-rappreżentanti eletti lokali għandhom jipprovdu għall-eżerċizzju liberu tal-funzjonijiet tagħhom.

2. Dawn għandhom jaħsbu għal kumpens finanzjarju xieraq għal spejjeż magħmula fit-twettiq tal-kariga in kwistjoni kif ukoll, fejn xieraq, kumpens għal telf ta' qligħ jew

remunerazzjoni għal xogħol imwettaq u harsien tas-sigurta' soċjali korrispondenti.

3. Kull funzjoni u attivita' li hija meqjusa inkompatibbli mal-mandat elettorali lokali għandha tkun iddeterminata bl-istatut jew bil-prinċipji legali fundamentali.

## Artikolu 8 – Superviżjoni amministrattiva tal-attivitajiet tal-awtoritajiet lokali

1. Kwalunkwe superviżjoni amministrattiva tal-awtoritajiet lokali tista' tiġi eżerċitata biss skont il-proċeduri u fil-każijiet previsti fil-kostituzzjoni jew mil-liġi.

2. Kull superviżjoni amministrattiva tal-attivitajiet tal-awtoritajiet lokali għandha normalment timmira biss biex tiżgura l-konformità mal-liġi u mal-prinċipji kostituzzjonali. Is-sorveljanza amministrattiva tista' madankollu tiġi eżerċitata skont il-htieġa minn awtoritajiet ta' livell ogħla fir-rigward ta' kompiti li l-eżekuzzjoni tagħhom hija ddelegata lill-awtoritajiet lokali.

3. Is-superviżjoni amministrattiva tal-awtoritajiet lokali għandha tiġi eżerċitata b'mod li jkun żgurat li l-intervent tal-awtorità ta' superviżjoni ikun proporzjonat għall-importanza tal-interessi li għandom jiġu mħarsa.

## Artikolu 9 – Riżorsi finanzjarji tal-awtoritajiet lokali

1. L-awtoritajiet lokali għandhom ikunu intitolati, fil-politika ekonomika nazzjonali, għal riżorsi finanzjarji adegwati, li minnhom huma jistgħu jiddisponu liberament fil-qafas tas-setgħat tagħhom.

2. Ir-riżorsi finanzjarji tal-awtoritajiet lokali għandhom ikunu proporzjonati mar-responsabbiltajiet previsti mill-kostituzzjoni u mil-liġi.

3. Tal-anqas parti mir-riżorsi finanzjarji tal-awtoritajiet lokali għandhom jiġu mit-taxxi u nollijiet, u safejn jippermetti l-istatut, huma għandhom is-setgħa li jiddeterminaw ir-rata ta' dawn it-taxxi u nollijiet.

4. Is-sistemi finanzjarji li fuqhom huma bbażati r-riżorsi disponibbli għall-awtoritajiet lokali għandhom ikunu mħallta u b'saħħithom biżżejjed biex ikunu jistgħu iżommu l-pass, safejn hu possibbli fil-prattika, mal-iżvilupp reali tal-ispejjeż tat-twettiq tal-kompiti tagħhom.

5. Il-protezzjoni tal-awtoritajiet lokali li huma aktar finanzjarjament dgħajfa titlob għat-twaqqif ta' proċeduri ta' ekwalizzazzjoni finanzjarja jew miżuri ekwivalenti li huma mfassla biex jikkoreġu l-effetti tad-distribuzzjoni mhux ugwali ta' egħjun potenzjali ta' finanzjament u tal-piż finanzjarju illi huma għandhom. Dawn il-proċeduri jew miżuri ma għandhomx inaqqsu id-diskrezzjoni li l-awtoritajiet lokali jistgħu jeżerċitaw fil-qasam tagħhom ta' responsabbiltà.

6. L-awtoritajiet lokali għandhom jiġu kkonsultati, b'mod xieraq, dwar kif ir-riżorsi ridistribwiti għandhom jiġu allokati lilhom.

7. Kemm jista' jkun, l-għotjiet lill-awtoritajiet lokali m'għandhomx jiġu allokati għall-iffinanzjar ta' proġetti speċifiċi. Dawn l-għotjiet m'għandhomx ineħħu l-libertà bażika tal-awtoritajiet lokali li jeżerċitaw diskrezzjoni politika fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom stess.

8. Għall-finijiet ta’ self għall-investiment kapitali, l-awtoritajiet lokali għandhom ikollhom aċċess għas-suq kapitali nazzjonali fil-limiti tal-liġi.

## Artikolu 10 – Id-dritt tal-awtoritajiet lokali li jassoċjaw irwieħhom.

1. L-awtoritajiet lokali għandhom ikunu intitolati, fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom, li jikkoperaw u, fil-qafas tal-liġi, li jiffurmaw konsorzji ma' awtoritajiet lokali oħra sabiex iwettqu kompiti ta’ interess komuni.

2. Id-dritt tal-awtoritajiet lokali li jappartjenu għal assoċjazzjoni għall-protezzjoni u l-promozzjoni tal-interessi komuni tagħhom u li jappartjenu għal assoċjazzjoni internazzjonali ta’ awtoritajiet lokali għandu jkun rikonoxxut f'kull stat.

3. L-awtoritajiet lokali għandhom ikunu intitolati, taħt kondizzjonijiet li jistgħu jkunu previsti mil-liġi, li jikkoperaw mal-kontropartijiet tagħhom fi Stati oħra.

## Artikolu 11 – Protezzjoni legali tal-awtonomija lokali

L-awtoritajiet lokali għandhom ikollhom id-dritt li jirrikorru għal rimedju ġudizzjarju sabiex jiżguraw l-eżerċizzju liberu tas-setgħat tagħhom u r-rispett għal dawk il-prinċipji ta’ tmexxija awtonoma lokali kif huma mnaqqxa fil-kostituzzjoni jew leġislazzjoni nazzjonali.

## Parti II – Dispożizzjonijiet varji

### Artikolu 12 – Impenn.

1. Kull Parti timpenja ruħha li tqis ruhħa marbuta b'tal-anqas għoxrin paragrafu tat-Taqsima I tal-Karta, li mill-inqas għaxra minnhom għandhom ikunu magħżula minn fost il-paragrafi li ġejjin:

– L-Artikolu 2,
– L-Artikolu 3, il-paragrafi 1 u 2,
– L-Artikolu 4, il-paragrafi 1, 2 u 4,
– L-Artikolu 5,
– L-Artikolu 7, paragrafu 1,
– L-Artikolu 8, paragrafu 2,
– L-Artikolu 9, il-paragrafi 1, 2 u 3,
– L-Artikolu 10, paragrafu 1,
– L-Artikolu 11.

2. Kull Stat Kontraenti, meta jiddepożita l-istrument tiegħu ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni, għandu jinnotifika lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-paragrafi magħżula skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu.

3. Kull Parti tista', fi kwalunkwe ħin wara, tinnotifika lis-Segretarju Ġenerali li hija tqis lilha nnifisha marbuta bi kwalunkwe paragrafu ta' din il-Karta li tkun ghadha ma aċċettatx skont il-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu. Dawn l-impenji mogħtija sussegwentement għandhom jitqiesu bħala parti integrali mir-ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni tal-Parti hekk notifikanti, u jkollhom l-istess effett sa mill-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tliet xhur wara d-data meta s-Segretarju Ġenerali jirċievi din in-notifika.

## Artikolu 13 – Awtoritajiet li għalihom tapplika l-Karta

Il-prinċipji ta' awtonomija lokali li hemm fil-Karta japplikaw għall-kategoriji kollha ta' awtoritajiet lokali eżistenti fit-territorju tal-Parti. Madankollu, kull Parti tista', meta tiddepożita l-istrument tagħha ta'ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni, tispeċifika l-kategoriji ta' awtoritajiet lokali jew reġjonali li għalihom tkun trid tillimita l-ambitu tal-Karta jew li tkun trid li teskludi mill-ambitu tagħha. Tista' tinkludi wkoll kategoriji ulterjuri ta'awtoritajiet lokali jew reġjonali fl-ambitu tal-Karta permezz ta' notifika sussegwenti lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

## Artikolu 14 – Għoti ta' informazzjoni

Kull Parti għandha tibgħat lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa l-informazzjoni rilevanti kollha li ghandħa x'taqsam mad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u miżuri oħra meħuda minnha għall-finijiet tal-konformità mal-kondizzjonijiet ta'din il-Karta.

# Parti III

## Artikolu 15 – Iffirmar, ratifika u dħul fis-seħħ

1. Din il-Karta għandha tkun miftuħa għall-iffirmar mill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa. Hija suġġetta għal ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni. L-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni għandhom ikunu ddepożitati mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

2. Din il-Karta għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta'perjodu ta'tliet xhur wara d-data meta erba' Stati membri tal-Kunsill tal-Ewropa jkunu wrew il-kunsens

tagħhom li jkunu marbuta bil-Karta skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu precedenti.

3. Fir-rigward ta' xi Stat Membru li sussegwentement juri l-kunsens tiegħu li jintrabat biha, il-Karta għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur wara d-data meta jiġi depożitat l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni.

## Artikolu 16 – Klawżola Territorjali

1. Kwalunkwe Stat jista', meta jiffirma jew meta jiddeposita l-istrument tiegħu ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew sħubija, jispeċifika t- territorju jew territorji li għalihom għandha tapplika din il-Karta.

2. Kull Stat jista', fi kwalunkwe ħin wara, permezz ta' dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, jestendi l-applikazzjoni ta' din il-Karta għal kwalunkwe territorju ieħor speċifikat fid-dikjarazzjoni. Fir-rigward ta' dak it-territorju, il-Karta għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur wara d-data meta s-Segretarju Ġenerali jirċievi din id-dikjarazzjoni.

3. Kull dikjarazzjoni magħmula skond iż-żewġ paragrafi preċedenti tista', fir-rigward ta' kull territorju msemmi fl-istess dikjarazzjoni, tiġi rtirata permezz ta' notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali. L-irtirar għandu jsir effettiv fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' perijodu ta' sitt xhur wara d-data meta s-Segretarju Ġenerali jirċievi din in-notifika.

## Artikolu 17 – Ċaħda

1. Kull Parti tista' tiċħad din il-Karta f'kull żmien wara l-iskadenza ta' perjodu ta' ħames snin mid-data li fiha l-Karta tkun daħlet fis-seħħ fir-rigward tagħha. Għandu jingħata pre-avviż ta' sitt xhur lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa. Din iċ-ċaħda m'għandhiex taffettwa l-validità tal-Karta fir-rigward tal-Partijiet l-oħra, bil-kondizzjoni li f'kull żmien ma jkunx hemm inqas minn erba' Partijiet għall-Karta.

2. Kull Parti tista', skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti, tiċħad kwalunkwe paragrafu tal-Parti I tal-Karta ġja aċċettata minnha sakemm il-Parti tibqa' marbuta bl-għadd u x-xorta ta' paragrafi hekk kif stipulat fl-Artikolu 12, paragrafu 1. Kull Parti li, wara li tiċħad xi paragrafu, ma tibqax tilħaq ir-rekwiżiti tal-Artikolu 12, paragrafu 1, għandha titqies li tkun ukoll ċaħdet il-Karta nnifisha.

## Artikolu 18 – Notifiki

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jinnotifika lill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar:

a. kull firma;

b. kull depożitu ta' kull strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni;

c. kull data ta' dħul fis-seħħ ta' din il-Karta skont l-Artikolu 15;

d. kull notifika magħmula skont l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12, il-paragrafi 2 u 3;

e. kull notifika magħmula skont l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13;

f. kull att, notifika jew komunikazzjoni li għandha x’taqsam ma' din il-Karta.

B'xhieda ta’ dan is-sottoskritti, debitament awtorizzati għal dan, iffirmaw din il-Karta.

Magħmul fi Strasburgu, illum 15 ta’ Ottubru 1985, bl-Ingliż u bil-Franċiż, biż-żewġ testi jkunu ugwalment awtentiċi, f'kopja waħda li għandha tkun depożitata fl-arkivji tal-Kunsill tal-Ewropa. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jibgħat kopji awtentikati lil kull Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa.

# Protokoll Addizzjonali għall-Karta Ewropea Dwar l-Awtonomija Lokali dwar id-dritt ta' parteċipazzjoni fl-affarijiet ta' awtorità lokali

**Utrecht, 16.XI.2009**

## Preambolu

L-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, firmatarji ta' dan il-Protokoll Addizzjonali għall-Karta Ewropea Dwar l-Awtonomija Lokali (minn hawn 'il quddiem "il-Karta", ETS No.122),

Ikkunsidraw li l-għan tal-Kunsill tal-Ewropa huwa li jikseb għaqda akbar bejn il-membri tiegħu għall-iskop tas-salvagwardja u t-twettiq tal-ideali u l-prinċipji li huma wirt komuni tagħhom;

Ikkunsidraw li d-dritt ta’ parteċipazzjoni fit-tmexxija tal-affarijiet pubbliċi huwa wieħed mill-prinċipji demokratiċi li huma maqsum mill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa;

Ikkunsidraw li l-iżvilupp fl-Istati Membri wera l-importanza pre-eminenti ta' dan il-prinċipju għall-awtonomija lokali;

Ikkunsidraw li jkun xieraq li jżidu mal-Karta dispożizzjonijiet li jiggarantixxu d-dritt ta’ parteċipazzjoni fl-affarijiet ta' awtorità lokali;

Ħadu kont tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Aċċess għad-Dokumenti Uffiċjali, adottata mill-Kumitat tal-Ministri fis-27 ta' Novembru 2008;

Ħadu kont ukoll tad-Dikjarazzjoni u l-Pjan ta’ Azzjoni adottati fit-Tielet Summit tal-Kapijiet ta' Stat u Gvern tal-Kunsill tal-Ewropa (Varsavja, 16-17 Mejju 2005),

Ftehmu kif ġej:

## Artikolu 1 – Dritt għal sehem fl-affarijiet ta' awtorità lokali

1. L-Istati Partijiet għandhom jiżguraw li kulħadd fil-ġurisdizzjoni tagħhom ikollu d-dritt li jipparteċipa fl-affarijiet ta' awtorità lokali.

2. Id-dritt ta' parteċipazzjoni fl-affarijiet ta' awtorità lokali jindika d-dritt li wieħed ifittex li jistabbilixxi jew li jinfluwenza l-eżerċizzju tas-setgħat u r-responsabbiltajiet ta' awtorità lokali.

3. Il-liġi għandha tipprovdi mezzi sabiex jeħfief l-eżerċizzju ta'dan id-dritt. Mingħajr ma tiddiskrimina inġustament kontra xi persuna jew grupp, il-liġi tista' tiddisponi miżuri partikolari għal ċirkostanzi jew kategoriji ta' persuni differenti. In konformita' mal-obbligi kostituzzjonali u/jew internazzjonali tal-istat parti, il-liġi tista', b'mod partikolari, tipprovdi għal miżuri limitati speċifikament għall-votanti.

4.1. Kull Parti għandha tirrikonoxxi bil-liġi d-dritt taċ-ċittadini tal-istess Parti li jipparteċipaw, bħala votanti jew kandidati, fl-elezzjoni tal-membri tal-kunsill jew assemblea tal-awtorità lokali li fiha huma igħixu.

4.2. Il-liġi għandha tirrikonoxxi wkoll id-dritt ta' persuni oħra li hekk jipparteċipaw meta il-Parti, skont l-ordni kostituzzjonali tagħha stess, hekk tiddeċiedi jew fejn dan ikun konformi mal-obbligi legali internazzjonali tal-Parti.

5.1. Kull formalita', kundizzjoni jew restrizzjoni għall-eżerċizzju tad-dritt ta' parteċipazzjoni fl-affarijiet ta' awtorità lokali għandhom jiġu preskritti bil-liġi u jkunu kompatibbli mal-obbligi legali internazzjonali tal-Parti.

5.2. Il-liġi għandha timponi dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet u restrizzjonijiet li huma meħtieġa biex jiżguraw li l-integrità etika u t-trasparenza tal-eżerċizzju tas-setgħat u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet lokali ma jkunux mhedda mill-eżerċizzju tad-dritt ta' parteċipazzjoni.

5.3. Kull formalita', kundizzjoni jew restrizzjoni oħra għandha tkun ġustifikata għall-operat ta' demokrazija politika effettiva, għall-manutenzjoni tas-sigurtà pubblika f'soċjetà demokratika jew għall-Parti sabiex tikkonforma mar-rekwiżiti tal-obbligi legali internazzjonali tagħha.

## Artikolu 2 – Miżuri ta' implimentazzjoni tad-dritt ta' parteċipazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri kollha li jkunu meħtieġa sabiex jagħtu effett lid-dritt ta' parteċipazzjoni fl-affarijiet ta' awtorità lokali.

2. Dawn il-miżuri għall-eżerċizzju tad-dritt ta' parteċipazzjoni għandhom jinkludu:

   i. li jawtorizzaw lill-awtoritajiet lokali biex jippermettu, jippromwovu u jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' parteċipazzjoni stipulat f'dan il-Protokoll;

   ii. li jiżguraw it-tfassil ta' :

      a. proċeduri għall-assoċjazzjoni tal-persuni li jistgħu jinkludu proċessi konsultattivi, referenda lokali u petizzjonijiet u, fejn l-awtorità lokali għandha numru kbir ta' abitanti u/jew tkopri żona ġeografika kbira, miżuri biex jinvolvu lin-nies f'livell qrib tagħhom;

b. proċeduri għall-aċċess, skont l-ordni kostituzzjonali u l-obbligi legali internazzjonali tal-Parti, għal dokumenti uffiċjali miżmuma mill-awtoritajiet lokali;

c. miżuri biex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' kategoriji ta' persuni li jiffaċċjaw xkiel partikolari fil-parteċipazzjoni; u

d. mekkaniżmi u proċeduri biex jittrattaw u jirrispondu għal ilmenti u suġġerimenti rigward il-funzjonament tal-awtoritajiet lokali u servizzi pubbliċi lokali;

iii. li jħeġġu l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għall-promozzjoni u l-eżerċizzju tad-dritt ta' parteċipazzjoni stipulat f'dan il-Protokoll.

3. Il-proċeduri, miżuri u mekkaniżmi jistgħu jkunu differenti għal kategoriji differenti ta' awtoritajiet lokali, skont id-daqs u l-kompetenzi tagħhom.

4. Fl-ippjanar u proċessi deċiżjonali dwar miżuri li għandhom jittieħdu biex jingħata effett lid-dritt ta' parteċipazzjoni fl-affarijiet ta' awtorità lokali, l-awtoritajiet lokali għandhom jiġu kkonsultati safejn ikun possibbli, fi żmien xieraq u b'mod xieraq.

## Artikolu 3 – Awtoritajiet li għalihom japplika l-Protokoll

Dan il-Protokoll japplika għall-kategoriji kollha ta' awtoritajiet lokali eżistenti fit-territorju tal-Parti. Madankollu, kull Stat Parti jista', meta jiddepożita l-istrument tiegħu ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni, jispeċifika l-kategoriji ta' awtoritajiet lokali

jew reġjonali li fil-konfront tagħhom ikollu l-ħsieb li jillimita l-ambitu tal-Protokoll jew li jeskludi mill-ambitu tiegħu. L-Istat Parti jista' tinkludi wkoll kategoriji oħrajn ta' awtoritajiet lokali jew reġjonali fl-ambitu tal-Protokoll billi jagħti notifika sussegwenti lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

## Artikolu 4 – Applikazzjoni territorjali

1. Kull Stat jista' fiż-żmien tal-firma jew meta jiddepożita l-istrument tiegħu ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni, jispeċifika t-territorju jew territorji li għalihom għandu japplika dan il-Protokoll.

2. Kull Parti tista', f'kull ħin wara, permezz ta' dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, testendi l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll għal kwalunkwe territorju ieħor speċifikat fid-dikjarazzjoni. F'dan it-territorju, il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur mid-data illi s-Segretarju Ġenerali ikun irċieva din id-dikjarazzjoni.

3. Kull dikjarazzjoni magħmula skond iż- żewġ paragrafi preċedenti tista', rigward kull territorju msemmi fl-istess dikjarazzjoni, tiġi rtirata permezz ta' notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa. L-irtirar għandu jsir effettiv fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' perijodu ta' sitt xhur mid-data illi s-Segretarju Ġenerali ikun irċieva din in-notifika.

## Artikolu 5 – L-iffirmar u d-dħul fis-seħħ

1. Dan il-Protokoll għandu jkun miftuħ għall-iffirmar mill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa li huma firmatarji

għall-Karta. Huwa suġġett għal ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni. Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa ma jistax jirratifika, jaċċetta jew japprova dan il-Protokoll jekk ma jkunx, fl-istess ħin jew qabel, irratifika, aċċetta jew approva il-Karta. L-istrumenti ta’ ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni għandhom jiġu ddepożitati mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

2. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta’ perjodu ta' tliet xhur wara d-data li fiha tmien Stati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa ikunu wrew il-kunsens tagħhom li jkunu marbutin bil-Protokoll skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1.

3. Fir-rigward ta’xi Stat Membru li sussegwentement jesprimi l-kunsens tiegħu li jintrabat bih, il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' perjodu ta’ tliet xhur wara d-data meta jigi ddepożitat l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni.

## Artikolu 6 – Ċaħda

1. Kull Parti tista’f'kull żmien tiċħad dan il-Protokoll permezz ta' notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

2. Din iċ-ċaħda għandha ssir effettiva fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta’ perijodu ta' sitt xhur mid-data illi s-Segretarju Ġenerali ikun irċieva din in-notifika.

## Artikolu 7 – Notifiki

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jinnotifika lill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar:

a. kull firma;

b. kull depożitu ta’ kull strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni;

c. kull data ta’ dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll skond l-Artikolu 5;

d. kull notifika magħmula skont l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3;

e. kull att, notifika jew komunikazzjoni marbuta ma' dan il-Protokoll.

B'xhieda ta’ dan, is-sottoskritti, kif debitament awtorizzati, iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul f’Utrecht, illum 16 ta’ Novembru 2009, bl-Ingliż u bil-Franċiż, biż-żewġ testi jkunu ugwalment awtentiċi, f'kopja waħda li għandha tiġi depożitata fl-arkivji tal-Kunsill tal-Ewropa. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jibgħat kopji awtentikati lil kull Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa.

# Karta Ewropea Dwar l-Awtonomija Lokali

## Rapport ta' spjegazzjoni

I. Il-Karta Ewropea Dwar l-Awtonoma Lokali ġiet imfassla fil-Kunsill tal-Ewropa permezz ta' kumitat ta' esperti governattivi taħt l-awtorità tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali u Affarijiet Muniċipali fuq il-bażi ta' abbozz propost mill-Konferenza Permanenti tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Ewropa. Din infetħet għall-iffirmar bħala konvenzjoni mill-istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa fil-15 ta' Ottubru 1985.

II. Din il-pubblikazzjoni fiha t-test tar-rapport ta' spjegazzjoni mħejji abbażi tad-diskussjonijiet tal-kumitat u ppreżentati lill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa. Dan ir-rapport ma jikkostitwix strument li jipprovdi interpretazzjoni awtorevoli tat-test tal-Karta, għalkemm jista' igħin sabiex id-dispożizzjonijiet tagħha jinftehmu aħjar.

III. It-test tal-Karta Ewropea Dwar l-Awtonomija Lokali huwa wkoll riprodott f'din il-pubblikazzjoni.

# Rapport ta’ spjegazzjoni

## A. Oriġini tal-Karta

Il-Karta Ewropea Dwar l-Awtonomija Lokali hija l-qofol ta' sensiela ta’ inizjattivi u ħafna snin ta' deliberazzjoni fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa.

Il-protezzjoni u t-tisħiħ tal-awtonomija lokali fl-Ewropa permezz ta’ dokument li jfassal il-prinċipji aċċettati mill-istati kollha demokratiċi tal-Ewropa hija ambizzjoni antika fl-ambjenti tal-gvern lokali. Barra minn hekk, kien rikonoxxut fi stadju bikri li test bħal dan għandu jkollu l-għan li jiżgura s-sħubija ta’ dawk li l-azzjonijiet tagħhom jaffettwaw primarjament kull ħarsien tal-awtonomija lokali, jiġifieri l-gvernijiet.

Il-Kunsill tal-Ewropa, bħala l-gwardjan tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji ta’ gvern demokratiku, kien il-qafas naturali li fih strument bħal dan seta’ jkun abbozzat u adottat; aktar u aktar minħabba li, sa mill-1957, wera l-apprezzament tiegħu tal-importanza tal-awtoritajiet lokali billi ħoloq għalihom korp rappreżentattiv fuq livell Ewropew li minn dakinhar sar il-Konferenza Permanenti tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Ewropa (CLRAE).[1]

Kienet tabilħaqq il-CLRAE li, fir-Riżoluzzjoni tagħha numru 64 (1968), ipproponiet Dikjarazzjoni tal-Prinċipji dwar Awtonomija Lokali u sejħet lill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa sabiex jadottaha. Din l-inizjattiva kienet appoġġjata

1. Mill-14 ta’ Jannar 1994 il-Konferenza Permanenti giet mibdula fil-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Ewropa (CLRAE), bħala rikonoxximent tas-sinifikat politiku tagħha.

mill-Assemblea Konsultattiva, li fir-Rakkomandazzjoni tagħha numru 615 (1970) ippreżentat lill-Kumitat tal-Ministri test ibbażat mill-qrib fuq dak tal-CLRAE u abbozzat b'mod konġunt miż-żewġ korpi. Id-dikjarazzjoni proposta kienet, madankollu, ta' natura pjuttost wisq ġenerali biex tista' tittieħed ebda azzjoni serja ibbażata fuqha.

L-inizjattiva l-ġdida tal-CLRAE fl-1981 kienet għalhekk ibbażata fuq approċċ aktar flessibbli. Iżda kien hemm il-fehma ukoll li sempliċi dikjarazzjoni ta' prinċipji mhux vinkolanti ma kenitx biżżejjed fid-dawl tal-importanza tal-awtonomija lokali jew tan-natura tat-theddid li għalihom ikun esposti. Pjuttost, il-gvernijiet għandhom jintalbu sabiex jidħlu f'impenji li jorbtu. Kellha tiddahhal il-flessibbiltà meħtieġa biex jittiehed kont tad-differenzi bejn arranġamenti kostituzzjonali nazzjonali u t-tradizzjonijiet amministrattivi, mhux billi ddghajjef wisq ir-rekwiżiti tal-istrumenti l-ġodda, iżda billi tippermetti lill-gvernijiet livell ta' flessibilita' fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li jridu jintrabtu bihom.

Ir-riżultat loġiku ta' dan l-approċċ kien il-preżentazzjoni lill-Kumitat tal-Ministri, fir-Riżoluzzjoni CLRAE numru 126 (1981), ta' abbozz ta' Karta Ewropea Dwar l-Awtonomija Lokali bit-talba li din tiġi adottata bl-istatus ta' konvenzjoni Ewropea.

Il-Kumitat tal-Ministri ddeċieda li jibgħat il-proposti tal-Kungress Ewropew lill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali u Affarijiet Muniċipali (CDRM) bil-ħsieb li jiġu diskussi fil-Hames Konferenza tal-Ministri Ewropej responsabbli mill-Gvern Lokali (Lugano, Ottubru 5-7, 1982). Fil-konklużjonijiet tagħhom, il-ministri preżenti f'Lugano

> "... jikkunsidraw li dan l-abbozz ta' Karta jikkostitwixxi pass importanti lejn definizzjoni tal-prinċipji tal-awtonomija

lokali, filwaqt li jinnota r-riżervi ta’ xi Ministri dwar il-ħtieġa għal statut fil-forma ta' konvenzjoni vinkolanti u dwar xi aspetti tal-kontenut tal-Karta;

titlob lill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa sabiex jinkariga lill-Kumitat ta’ Tmexxija Reġjonali u Affarijiet Muniċipali (CDRM), flimkien mal-Konferenza tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Ewropa, biex jagħmlu l-bidliet meħtieġa għall-abbozz ta’ Karta Ewropea Dwar l-Awtonomija Lokali skond il-kummenti dwar il-forma u s-sustanza li saru matul il-konferenza, sabiex din tkun tista’ tiġi sottomessa lilhom għall-approvazzjoni fil-konferenza tagħhom li jmiss ... "

Il-Kumitat tal-Ministri ta dwan l-istruzzjonijiet lill-CDRM, li sussegwentement wettaq reviżjoni sħiħa tal-abbozz tal-Karta. In konformita’ mal-konklużjonijiet tal-Konferenza ta’ Lugano, ir-rappreżentanti tal-CLRAE pparteċipaw fid-diskussjonijiet.

It-test tal-abbozz tal-Karta kif rivedut mill-CDRM finalment ġie ipprezentat lis-Sitt Konferenza tal-Ministri Ewropej responsabbli mill-Gvern Lokali, li ltaqgħu f'Ruma bejn 06-08 Novembru, 1984. Wara li eżaminaw dan it-test, il-ministri esprimew il-qbil unanimu tagħhom fuq il-prinċipji li jinsabu fiha. Fir-rigward tal-forma legali li l-Karta għandha tieħu, il-maġġoranza tal-ministri esprimew ruħhom favur konvenzjoni.

Fid-dawl tal-opinjonijiet tal-Assemblea Konsultattiva u l-Konferenza Ministerjali ta’ Ruma, il-Kumitat tal-Ministri għalhekk adotta il-Karta Ewropea Dwar l-Awtonoma Lokali fil-forma ta' konvenzjoni f'Ġunju 1985. Bħala rikonoxximent tal-fatt li l-inizjattiva għall-Karta kienet oriġinarjament ġejja mill-Konferenza Permanenti tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Ewropa, ġie deċiż li l-konvenzjoni għandha tkun miftuħa għal iffirmar fil-15 Ottubru 1985 fl-okkażjoni tal-20 Sessjoni Plenarja tal-CLRAE.

## B. Kummenti Ġenerali

L-iskop tal-Karta Ewropea Dwar l-Awtonomija Lokali huwa li tagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' standards komuni Ewropej biex jitkejlu u jiġu salvagwardjati d-drittijiet tal-awtoritajiet lokali, li huma l-eqreb taċ-ċittadin u li jagħtuh l-opportunità li jipparteċipa b'mod effettiv fil-teħid ta' deċiżjonijiet li jaffettwaw l-ambjent tiegħu ta' kuljum.

Il-Karta timpenja lill-partijiet sabiex japplikaw regoli bażiċi li jiggarantixxu l-indipendenza politika, amministrattiva u finanzjarja tal-awtoritajiet lokali. Hija għalhekk dimostrazzjoni, fuq livell Ewropew, tar-rieda politika biex tingħata konsistenza fil-livelli kollha ta' amministrazzjoni territorjali għall-prinċipji li dejjem iddefenda sa mill-holqien tiegħu il-Kunsill tal-Ewropa, li jqis li r-rwol tiegħu huwa ż-żamma tal-kuxjenza demokratika tal-Ewropa u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem fis-sens wiesa. Tabilħaqq, huwa jinkorpora l-konvinzjoni li l-livell ta' tmexxija awtonoma li jgawdu l-awtoritajiet lokali jista' jitqies bħala l-kejl ta' demokrazija ġenwina.

Il-Karta hija mqassma fi tliet partijiet. L-ewwel parti fiha d-dispożizzjonijiet sostantivi li jistabbilixxu l-prinċipji ta' awtonomija lokali. Hija tisħaq fuq il-ħtieġa għal bażi kostituzzjonali u legali għall-awtonomija lokali, tiddefinixxi l-kunċett u tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw in-natura u l-ambitu tas-setgħat tal-awtoritajiet lokali. Artikli oħra jittrattaw il-ħarsien tal-konfini tal-awtoritajiet lokali, jiżguraw li dawn ikollhom awtonomija rigward l-istrutturi amministrattivi tagħhom u l-aċċess għall-persunal kompetenti u jfasslu l-kundizzjonijiet ghall-mandati elettorali lokali. Żewġ artikoli ewlenin jimmiraw li jnaqqsu s-superviżjoni amministrattiva tal-attivitajiet tal-awtoritajiet lokali u jiżguraw li jkollhom

riżorsi finanzjarji xierqa għad-dispożizzjoni tagħhom b'kondizzjonijiet li ma jagħmlux ħsara lill-awtonomija bażika tagħhom. Id-dispożizzjonijiet li fadal f'din il-parti jkopru d-dritt tal-awtoritajiet lokali li jikkooperaw bejniethom u jiffurmaw assoċjazzjonijiet u l-protezzjoni tal-awtonomija lokali permezz tad-dritt ta' rikors għal rimedju ġudizzjarju.

Parti II fiha dispożizzjonijiet varji marbuta mal-ambitu tal-impenji li jidħlu għalihom il-partijiet. In konformita' mal-intenzjoni li jiġi żgurat bilanċ realistiku bejn is-salvagwardja tal-prinċipji essenzjali u l-flessibbiltà meħtieġa biex jitqiesu l-karatteristiċi partikolari legali u istituzzjonali tad-diversi Stati Membri, hija tippermetti espressament lill-partijiet li jeskludu ċerti dispożizzjonijiet tal-Karta minn dawk li huma jikkunsidraw lilhom infushom marbuta bihom. Hija għalhekk tirrappreżenta kompromess bejn, min-naħa l-waħda, għarfien tal-fatt li l-awtonomija lokali taffettwa l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-istat innifsu, li hija konsiderazzjoni bażika tal-governanza, u, min-naħa l-oħra, il-għan tal-ħarsien minimu tal-prinċipji bażiċi li kwalunkwe sistema demokratika ta' gvern lokali għandha tirrispetta. Barra minn hekk, l-impenji tal-partijiet jistgħu sussegwentement jiġu miżjuda, kull meta x-xkiel rilevanti jkun tneħħa.

Potenzjalment, il-prinċipji tal-awtonomija lokali stabbiliti fil-Karta japplikaw għal-livelli jew kategoriji kollha tal-awtoritajiet lokali f'kull Stat Membru, u tabilħaqq ukoll, *mutatis mutandis*, lill-awtoritajiet territorjali fil-livell reġjonali. Madankollu, sabiex jaħsbu għal xi każijiet speċjali, il-partijiet jistgħu jeskludu ċerti kategoriji ta' awtoritajiet mill-ambitu tal-Karta.

Il-Karta ma tipprovdix għal sistema istituzzjonalizzata ta' kontroll rigward l-applikazzjoni tagħha, lil hinn mill-ħtieġa

għall-partijiet li jgħaddulha kull informazzjoni rilevanti dwar miżuri leġiżlattivi jew oħrajn meħuda għall-fini ta' konformità mal-Karta. Tabilħaqq kien sar xi ħsieb dwar it-twaqqif ta' sistema internazzjonali ta' sorveljanza bħal dik tal-Karta Soċjali Ewropea. Madankollu, inħass li seta' jitwarrab il-makkinarju kumpless ta' sorveljanza, minħabba li l-preżenza fil-Kunsill tal-Ewropa tal-CLRAE b'aċċess dirett għall-Kumitat tal-Ministri tiżgura kontroll politiku adegwat ta' konformità mill-partijiet mar-rekwiżiti tal-Karta.

L-aħħar parti tat-test fiha dispożizzjonijiet finali konsistenti ma' dawk normalment użati fil-konvenzjonijiet imfassla taħt l-awspiċi tal-Kunsill tal-Ewropa.

Il-Karta Ewropea Dwar l-Awtonomija Lokali hija l-ewwel strument legali multilaterali li jiddefinixxi u jissalvagwardja l-prinċipji tal-awtonomija lokali, wieħed mill-pilastri tad-demokrazija li hija l-funzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa li jiddefendi u jiżviluppa. Wieħed jista' jittama li għaldaqstabt dan se jagħti kontribut sostanzjali għall-protezzjoni u t-tisħiħ tal-valuri komuni Ewropej.

## C. Kummentarju dwar id-dispożizzjonijiettal-Karta

*Preambolu*

Il-preambolu jipprovdi opportunità għal dikjarazzjoni tal-premessi fondamentali tal-Karta. Dawn huma, essenzjalment:

– Il-kontribut vitali tat-tmexxija awtonoma lokali għad-demokrazija, għall-amministrazzjoni effettiva u għad-deċentralizzazzjoni tal-poter;

- Ir-rwol importanti tal-awtoritajiet lokali fil-bini tal-Ewropa;
- Il-ħtieġa li l-awtoritajiet lokali ikunu kostitwiti b'mod demokratiku u li jgawdu awtonomija wiesgħa.

*Artikolu 1*

Artikolu 1 jistqarr l-impenn ġenerali tal-partijiet li josservaw il-prinċipji ta' awtonomija lokali stabbiliti fil-Parti I tal-Karta (Artikoli 2-11), safejn preskritti bl-Artikolu 12.

*Artikolu 2*

Dan l-artikolu jipprovdi li l-prinċipju ta' awtonomija lokali għandu jkun imnaqqax fil-ligi miktuba.

Minħabba l-importanza ta' dan il-prinċipju, hija x-xewqa ukoll li dan għandu jinkiseb billi jiġi inkluż fit-test fundamentali li jirregola l-organizzazzjoni tal-istat, jiġifieri il-kostituzzjoni. Madankollu, kien rikonoxxut li, f'dawk il-pajjiżi fejn il-proċedura biex tiġi emendata il-kostituzzjoni teħtieġ il-kunsens b'maġġoranza speċjali tal-parlament jew l-kunsens tal-popolazzjoni kollha espress permezz ta' referendum, jista' ma jkunx possibbli li jimpenjaw rwieħhom li jnaqqxu l-prinċipju ta' awtonomija lokali fil-kostituzzjoni. Ġie rikonoxxut ukoll li l-pajjiżi li ma jkollhomx kostituzzjoni miktuba iżda kostituzzjoni li tinsab f'bosta dokumenti u egħjun oħra jistgħu jsibu diffikultajiet partikolari jew saħansitra ma jkunux jistgħu jidħlu għal dan l-impenn.

Ta' min iqis ukoll il-fatt li, f'pajjiżi b'sistema federali, gvern lokali jista' jkun irregolat mill-istati federati u mhux mill-gvern federali ċentrali. Għall-istati federali, din il-Karta bl-ebda mod ma taffettwa t-tqassim tal-kompetenzi u responsabbiltajiet bejn l-istat federali u l-istati federati.

*Artikolu 3*

Dan l-artikolu jistabbilixxi l-karatteristiċi meħtieġa għal-awtonomija lokali kif għandhom jinftehmu għall-għanijiet tal-Karta.

*Paragrafu 1*

Il-kunċett ta' "kapaċità" jesprimi l-idea li d-dritt legali li tirregola u tamministra ċerti affarijiet pubbliċi għandu jkun akkumpanjat bl-għodda biex tagħmel dan b'mod effettiv. L-inklużjoni tal-frażi "fil-limiti tal-liġi" tirrikonoxxi l-fatt li dan id-dritt u din il-kapaċità jistgħu jiġu definiti aħjar bil-leġiżlazzjoni.

"Taħt ir-responsabbiltà tagħhom stess" tenfasizza li l-awtoritajiet lokali m'għandhomx ikunu limitati li jaġixxu biss bħala aġenti ta' awtoritajiet ogħla.

Mhuwiex possibbli li tiddefinixxi b'mod preċiż dawk l-affarijiet illi l-awtoritajiet lokali għandhom jirregolaw u jġestixxu. Espressjonijiet bħal "affarijiet lokali" u "affarijiet tagħhom stess" ġew imwarrba ghax huma vagi u diffiċli wisq biex jiġu interpretati. It-tradizzjonijiet tal-istati membri dwar liema affarijiet għandhom jiġu meqjusa bħala li jappartjenu għall-kompetenza tal-awtoritajiet lokali jvarjaw ħafna. Fir-realtà ħafna affarijiet għandhom implikazzjonijiet kemm lokali u kif ukoll nazzjonali u r-responsabbiltà għalihom tista' tvarja bejn il-pajjiżi u maż-żmien, u jistgħu saħansitra jiġu maqsuma bejn livelli differenti ta' gvern. Jekk l-awtoritajiet lokali jkunu limitati biss għal kwistjonijiet li m'għandhomx implikazzjonijiet, hemm is-sogru li jiġu relegati ghal rwol marġinali. Min-naħa l-oħra, huwa aċċettat li pajjiżi ikunu jixtiequ jirriżervaw ċerti funzjonijiet, bħad-difiża nazzjonali, għall-gvern ċentrali. L-għan tal-Karta huwa li l-awtoritajiet lokali għandu jkollhom firxa

wiesgħa ta' responsabbiltajiet li jistgħu jitwettqu fuq livell lokali. Id-definizzjoni ta' dawn ir-responsabbiltajiet huwa s-suġġett tal-Artikolu 4.

*Paragrafu 2*

Id-drittijiet tat-tmexxija awtonoma għandhom jiġu eżerċitati minn awtoritajiet kostitwiti demokratikament. Dan il-prinċipju huwa konformi mal-importanza mogħtija mill-Kunsill tal-Ewropa għal forom demokratiċi ta' governanza.

Dan id-dritt normalment jinvolvi assemblea rappreżentattiva bi jew mingħajr korpi eżekuttivi subordinati għaliha, iżda ittiehed kont ukoll tal-possibbiltà ta' demokrazija diretta fejn din tkun prevista mil-liġi.

*Artikolu 4*

Kif kien spjegat fil-kummenti dwar l-Artikolu 3, mhuwiex possibbli, u lanqas ma jkun xieraq, li wieħed jipprova jniżżel b'mod eżawrjenti s-setgħat u r-responsabbiltajiet li għandhom jappartienu għall-gvernijiet lokali madwar l-Ewropa. Madankollu, dan l-artikolu jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali li fuqhom għandhom ikunu msejsa ir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet lokali u n-natura tas-setgħat tagħhom.

*Paragrafu 1*

Billi n-natura tar-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet lokali hija fundamentali għall-realtà ta' awtonomija lokali, huwa fl-interess kemm taċ-ċarezza u kif ukoll taċ-ċertezza legali li r-responsabbiltajiet bażiċi m'għandhomx jiġu assenjati lilhom fuq bażi *ad hoc*, iżda għandhom ikollhom l-għeruq tagħhom fil-leġiżlazzjoni. Normalment, ir-responsabbiltajiet għandhom jiġu mogħtija mill-kostituzzjoni jew b'Att tal-Parlament.

Madankollu, minkejja l-użu tal-kelma "statut" f'dan il-paragrafu, huwa magħruf li f'ċerti pajjiżi tista' tkun meħtiega xi delega mill-parlament tas-setgħa li jalloka ċerti responsabbiltajiet speċifiċi, partikolarment fir-rigward ta' dettalji jew ta' materji li jeħtieġu implimentazzjoni bħala riżultat tad-direttivi tal-Komunita' Ewropea, u dan għal raġunijiet ta' effiċjenza, sakemm il-parlament iżomm f'idejh biżżejjed setgħat ta' sorveljanza rigward l-użu ta' setgħat delegati. Barra minn hekk, tapplika eċċezzjoni fil-każ ta' Stati Membri tal-Komunità Ewropea sa fejn Regolamenti Komunitarji (li skont l-Artikolu 189 tat-Trattat ta' Ruma huma direttament applikabbli) jistgħu jiddisponu l-applikazzjoni ta' miżura speċifika f'livell partikolari ta' amministrazzjoni.

*Paragrafu 2*

Minbarra r-responsabilitajiet mogħtija bil-liġi għal ċerti livelli ta' awtorità, jista' jkun hemm ħtiġijiet jew possibilitajiet oħra għal azzjoni mill-korpi pubbliċi. Fejn dawn l-oqsma ta' azzjoni għandhom implikazzjonijiet lokali u mhumiex esklużi mill-kompetenza ġenerali f'bosta stati membri, huwa importanti għall-kunċett ta' awtoritajiet lokali bħala entitajiet politiċi li jaġixxu bi dritt sabiex jippromwovu l-benesseri ġenerali tal-abitanti tagħhom, illi huma jkollhom id-dritt li jeżerċitaw l-inizjattiva tagħhom f'dawn il-materji. Ir-regoli ġenerali li taħthom jistgħu jaġixxu f'każijiet bħal dawn jistgħu, madankollu, jiġu stabbiliti bil-liġi. F'ċerti stati membri iżda, l-awtoritajiet lokali għandhom ikunu kapaċi jistrieħu fuq awtorità statutorja għall-azzjonijiet tagħhom. Tista' tingħata diskrezzjoni wiesgħa lil hinn minn responsabbiltajiet speċifiċi lill-awtoritajiet lokali taħt din is-sistema, li teżisti biss sa fejn ikkontemplat mill-Artikolu 4, paragrafu 2.

*Paragrafu 3*

Dan il-paragrafu jistqarr il-prinċipju ġenerali li l-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet pubbliċi għandu jkun deċentralizzat. Dan il-prinċipju ġie mistqarr f'numru ta' okkażjonijiet fil-kuntest tal-Kunsill tal-Ewropa u b'mod partikolari fl-Konklużjonijiet tal-Konferenza ta' Lisbona tal-Ministri Ewropej responsabbli mill-Gvern Lokali fl-1977. Dan jimplika li, sakemm id-daqs jew in-natura tal-kompitu ikunu tali li jeħtieġ li jiġi ttrattat fi ħdan żona territorjali akbar jew ikun hemm kunsiderazzjonijiet imperattivi ta' effiċjenza jew ekonomija, dan għandu ġeneralment ikun fdat f'idejn l-aktar livell lokali tal-gvern.

Din il-klawżola ma timplikax, madankollu, xi ħtiega li jkun hemm deċentralizzazzjoni sistematika ta' funzjonijiet lil dawn l-awtoritajiet lokali li, minħabba n-natura u d-daqs tagħhom, jistgħu jwettqu kompiti limitati biss.

*Paragrafu 4*

Dan il-paragrafu jittratta l-kwistjoni ta' rduppjar ta' responsabbiltajiet. Fl-interess taċ-ċarezza u biex tiġi evitata kull tendenza lejn id-dgħajfien progressiva tar-responsabbiltà, is-setgħat għandhom normalment ikunu sħaħ u esklussivi. Madankollu, l-azzjoni komplementari minn livelli differenti ta' awtorità hija meħtieġa f'ċerti oqsma u huwa importanti li f'dawn il-każijiet l-intervent mill-awtoritajiet ċentrali jew reġjonali sseħħ skont dispożizzjonijiet leġiżlattivi ċari.

*Paragrafu 5*

L-istrutturi amministrattivi tal-awtoritajiet lokali u l-familjarità tagħhom mal-kondizzjonijiet lokali jistgħu irenduhom korpi xierqa sabiex jimplimentaw ċerti funzjonijiet, li r-responsabbiltà

aħħarija għalihom tkun tal-awtoritajiet sopra-lokali. Huwa importanti, madankollu, sabiex ir-rikors għal tali delega ma taffettwax wisq l-isfera ta' awtorità indipendenti tal-livell lokali, li dawn tal-aħħar għandhom, safejn ikun possibbli, jitħallew iqisu ċ-ċirkostanzi lokali meta jeżerċitaw is-setgħat delegati. Huwa rikonoxxut, madankollu, li fir-rigward ta' ċerti funzjonijiet, per eżempju il-kwistjoni ta' ħruġ ta' dokumenti ta' identità, jista' jkun li l-ħtieġa għal regolamenti uniformi ma jħallu ebda lok għal diskrezzjoni lokali.

*Paragrafu 6*

Filwaqt illi l-paragrafi 1 sa 5 jittrattaw kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-awtoritajiet lokali, il-paragrafu 6 jittratta kemm kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-ambitu ta' dawn l-awtoritajiet u kif ukoll kwistjonijiet li huma lil hinn mill-ambitu tagħhom, iżda li jaffettwawhom b'mod partikolari. It-test jistipula li l-mod u z-zmien tal-konsultazzjoni għandom ikunu tali li l-awtoritajiet lokali ikollhom il-possibbiltà reali li jeżerċitaw l-influwenza tagħhom, filwaqt li jikkonċedi li xi ċirkustanzi eċċezzjonali jistgħu jwarrbu il-ħtieġa ghall-konsultazzjoni, b'mod partikolari f'każijiet ta' urġenza. Din il-konsultazzjoni għandha sseħħ direttament mal-awtorità jew l-awtoritajiet konċernati jew indirettament permezz tal-assoċjazzjonijiet tagħhom fejn diversi awtoritajiet huma kkonċernati.

*Artikolu 5*

Proposti għal bidliet fil-konfini tagħha, li jinkludu każijiet estremi ta' amalgamazzjoni ma' awtoritajiet oħra, huma ovvjament ta' importanza fundamentali għal awtorità lokali u ċ-ċittadini illi taqdi. Filwaqt li f'ħafna pajjiżi huwa meqjus bħala mhux realistiku li wieħed jistenna li l-komunità lokali

jkollha s-setgha li topponi dawn il-bidliet, żgur li jkun meħtieg li ssir konsultazzjoni magħha minn qabel dwar dan, direttament jew indirettament. Ir-referenda jistgħu jipprovdi proċedura xierqa għal konsultazzjonijiet bħal dawn, iżda f'numru ta' pajjiżi m'hemmx dispożizzjonijiet legali li jaħsbu għalihom. Fejn id-dispożizzjonijiet legali ma jħallux lok għal referendum vinkolanti, jistgħu jiġu eżerċitati forom oħra ta' konsultazzjoni.

*Artikolu 6*

*Paragrafu 1*

It-test ta' dan il-paragrafu ma jittrattax il-kostituzzjoni ġenerali tal-awtorità lokali u l-kunsill tagħha iżda pjuttost kif huma organizzati is-servizzi amministrattivi tagħha. Filwaqt illi liġijiet ċentrali jew reġjonali jistgħu jistabilixxu ċerti prinċipji ġenerali għal din l-organizzazzjoni, l-awtoritajiet lokali għandhom ikollhom is-setgħa jirregolaw l-istrutturi amministrattivi tagħhom sabiex jieħdu kont taċ-ċirkostanzi lokali u l-effiċjenza amministrattiva. Rekwiżiti speċifiċi limitati fil-liġijiet ċentrali jew reġjonali dwar, per eżempju, it-twaqqif ta' ċerti kumitati jew il-ħolqien ta' ċerti postijiet amministrattivi huma aċċettabbli iżda dawn m'għandhomx ikunu daqshekk mifruxa illi jimponu struttura organizzattiva stretta.

*Paragrafu 2*

Minbarra l-istrutturi għal ġestjoni xierqa, huwa meħtieġ għall-effiċjenza u effettività ta' awtorità lokali li tkun kapaċi timpjega u żżomm persunal li l-kwalità tiegħu tkun taqbel mar-responsabbiltajiet tal-awtorità. Dan ovvjament jiddependi ħafna fuq il-kapaċità tal-awtorità lokali li toffri kundizzjonijiet tas-servizz tajbin biżżejjed..

*Artikolu 7*

Dan l-artikolu għandu l-għan li jiżgura kemm li r-rappreżentanti eletti ma jistgħux jinżammu bl-azzjoni ta' terzi milli jwettqu l-funzjonijiet tagħhom u kif ukoll li xi kategoriji ta' persuni ma jistgħux jitwaqqfu milli joħorġu ghall-elezzjoni minħabba konsiderazzjonijiet purament materjali. Dawn jistgħu jinkludu kumpens finanzjarju xieraq għall-ispejjeż marbuta mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom u, skont kif ikun xieraq, kumpens għal telf ta' qligħ u, partikolarment fil-każ ta' kunsilliera eletti b'responsabbiltajiet eżekuttivi full-time, remunerazzjoni u sigurta' soċjali adegwata. Fl-ispirtu ta' dan l-artikolu, ikun ukoll raġonevoli li wieħed jistenna li jkun hemm dispożizzjoni għall-integrazzjoni mill-ġdid ta' dawk li jieħdu post full-time fil-ħajja tax-xogħol normali meta jintemm il-mandat tagħhom.

*Paragrafu 3*

Dan il-paragrafu jipprovdi li l-iskwalifika mill-eżerċizzju ta' mandati elettivi fuq livell lokali għandha tkun ibbażata biss fuq kriterji legali oġġettivi u mhux fuq deċiżjonijiet *ad hoc*. Normalment dan ifisser li każijiet ta' inkompatibbiltà ikunu stabbiliti bil-liġi. Madankollu, hemm każijiet ta' prinċipji legali imnaqqxa u mhux miktuba li jidhru li jagħtu garanziji adegwati.

*Artikolu 8*

Dan l-artikolu jittratta s-superviżjoni tal-attivitajiet tal-awtoritajiet lokali minn livelli oħra tal-gvern. Mhux intiż li jippermetti lill-individwi li jġibu azzjonijiet ġudizzjarji kontra awtoritajiet lokali u lanqas ma għandu x'jaqsam mal-ħatra u l-attivitajiet ta' *ombudsman* jew korp uffiċjali ieħor li jkollu xi rwol investigattiv. Id-dispożizzjonijiet huma fuq kollox

konformi mal-filosofija ta' superviżjoni normalment assoċjata mal-*contrôles de tutelle* li ilhom tradizzjoni f'numru ta' pajjiżi. Għalhekk dawn jikkonċernaw prattiċi bħal rekwiżiti ta' pre-awtorizzazzjoni sabiex jaġixxu jew konferma biex atti jidħlu fis-seħħ, is-setgħa li tannulla d-deċiżjonijiet ta' awtorità lokali, kontrolli tal-kontabbiltà, eċċ

*Paragrafu 1*

Paragrafu 1 jipprovdi li għandu jkun hemm bażi leġiżlattiva adegwata għas-superviżjoni u b'hekk jeskludi proċeduri superviżorji *ad hoc*.

*Paragrafu 2*

Superviżjoni amministrattiva għandha normalment tkun limitata għall-kwistjoni tal-legalità tal-azzjoni tal-awtorità lokali u mhux l-espedjenza tagħha. Eċċezzjoni partikolari, iżda mhux l-unika waħda, hija magħmula fil-każ tal-kompiti delegati, fejn l-awtorità li tiddelega s-setgħat tagħha tista' tkun trid teżerċita xi sorveljanza fuq il-mod li bih il-kompitu jitwettaq. Madankollu dan m'għandux iżomm lill-awtorità lokali milli teżerċita ċerta diskrezzjoni kif previst fl-Artikolu 4, paragrafu 5.

*Paragrafu 3*

It-test jispira ruħu mill-prinċipju ta' "proporzjonalità", li permezz tiegħu l-awtorità tal-kontroll, fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħha, hija obbligata li tuża l-metodu li l-inqas taffettwa l-awtonomija lokali filwaqt li fl-istess ħin jintlaħaq ir-riżultat mixtieq.

Billi l-aċċess għal rimedji ġudizzjarji kontra l-eżerċizzju skorrett tas-superviżjoni u l-kontroll huwa kopert bl-Artikolu 11, ma nħassitx il-ħtieġa għal dispożizzjonijiet preċiżi dwar il-kundizzjonijiet u l-mod ta' interventi f'sitwazzjonijiet speċifiċi.

*Artikolu 9*

L-awtorità legali sabiex iwettqu ċerti funzjonijiet ma tagħmilx sens jekk l-awtoritajiet lokali ikunu mċaħħda mir-riżorsi finanzjarji biex iwettquhom.

*Paragrafu 1*

Dan il-paragrafu ifittex li jiggarantixxi li l-awtoritajiet lokali ma jiġux imċaħħda mill-libertà tagħhom li jiddeterminaw il-prijoritajiet tagħhom tal-infiq.

*Paragrafu 2*

Il-prinċipju in kwistjoni hu li għandu jkun hemm rabta adegwata bejn ir-riżorsi finanzjarji disponibbli għal awtorità lokali u l-kompiti li twettaq. Din ir-rabta hija partikolarment b'saħħitha għall-funzjonijiet li jkunu ġew speċifikament assenjati lilha.

*Paragrafu 3*

L-eżerċizzju ta' għażla politika fil-kalkolu tal-benefiċċju tas-servizzi pprovduti kontra l-ispejjeż għall-persuna jew l-utent lokali taxxabbli huwa dmir fundamentali tar-rappreżentanti eletti lokali. Huwa aċċettat li l-istatuti ċentrali jew reġjonali jistgħu jistabbilixxu limiti ġenerali għas-setghat tal-awtoritajiet lokali li jimponu taxxi; madankollu, m'għandhomx jimpedixxu l-funzjonament effettiv tal-proċess ta' kontabbiltà lokali.

*Paragrafu 4*

Ċerti taxxi jew egħjun finanzjarji tal-awtorità lokali huma, min-natura tagħhom jew għal raġunijiet prattiċi, relattivament mhux sensittivi għall-effetti tal-inflazzjoni u fatturi ekonomiċi oħrajn. Dipendenza eċċessiva fuq dawn it-taxxi jew egħjun tista' ġġib lill-awtoritajiet lokali f'diffikultajiet billi l-ispejjeż biex

jitwasslu s-servizzi huma effetwati direttament mill-evoluzzjoni tal-fatturi ekonomiċi. Huwa rikonoxxut, madankollu, li anki fil-każ ta' egħjun relattivament dinamiċi ta' dħul ma jistax ikun hemm rabta awtomatika bejn l-ispejjeż u ċ-ċaqliq tar-riżorsi.

*Paragrafu 6*

Fejn riżorsi distribwiti mill-ġdid jiġu allokati skond kriterji speċifiċi stabbiliti bil-liġi, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu sodisfatti jekk l-awtoritajiet lokali jiġu kkonsultati matul it-tħejjija tal-leġiżlazzjoni rilevanti.

*Paragrafu 7*

Għotjiet fi gruppi jew anki għotjiet speċifiċi għas-settur huma preferibbli, mill-perspettiva tal-libertà ta' azzjoni tal-awtorità lokali, minn għotjiet allokati għal proġetti speċifiċi. Ma jkunx realistiku li wieħed jistenna li l-għotjiet kollha għall-proġetti speċifiċi jinbidlu f'għotjiet ġenerali, b'mod partikolari f'każ ta' investimenti kapitali kbar, iżda rikors eċċessiv għal għotjiet bhal dawn ixekkel serjament il-libertà ta' awtorità lokali li teżerċita d-diskrezzjoni tagħha fir-rigward tal-prijoritajiet tal-infiq. Madankollu, is-sehem tar-riżorsi totali rappreżentati mill-għotjiet tvarja ħafna bejn il-pajjiżi, u proporzjon ogħla ta' għotjiet għall-proġetti speċifiċi għal għotjiet iktar ġenerali jista' jitqies raġonevoli fejn l-għotjiet kollha kemm huma jirrappreżentaw sehem relattivament żgħir mid-dħul totali.

It-tieni sentenza tal-Artikolu 9, paragrafu 7, tfittex li tiggarantixxi li l-għotja għal skop speċifiku ma tfixkilx il-libertà tal-awtorità lokali li teżerċita d-diskrezzjoni tagħha fil-qasam tal-kompetenza tagħha stess.

*Paragrafu 8*

Huwa importanti għall-awtoritajiet lokali li huma jkollhom aċċess għall-finanzjament permezz ta' self għal investiment kapitali. Madankollu l-egħjun eventwali għal dan il-finanzjament bilfors se jiddependi fuq l-istruttura tas-swieq kapitali ta' kull pajjiż; il-proċeduri u l-kondizzjonijiet għall-aċċess għal dawn l- egħjun jistgħu jiġu stabbiliti bil-leġiżlazzjoni.

*Artikolu 10*

*Paragrafu 1*

Dan il-paragrafu jkopri l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali fuq bażi funzjonali bil-ħsieb ewlieni li jkun hemm aktar effiċjenza permezz ta' proġetti konġunti jew bit-twettiq tal-kompiti li huma kbar wisq għal awtorità waħda. Din il-kooperazzjoni tista' ssir permezz tal-ħolqien ta' konsorzji jew federazzjonijiet ta' awtoritajiet, għalkemm qafas legali għall-ħolqien ta' korpi bħal dawn jistgħu jiġu stabbiliti bil-leġiżlazzjoni.

*Paragrafu 2*

Paragrafu 2 jittratta dawk l-assoċjazzjonijiet li l-għanijiet tagħhom huma ħafna aktar ġenerali mill-kunsiderazzjonijiet ta' funzjonalita' tal-paragrafu 1 u li normalment ifittxu li jirrappreżentaw l-awtoritajiet lokali kollha ta' tip jew tipi partikolari fuq bażi reġjonali jew nazzjonali. Id-dritt li jappartjenu għal assoċjazzjonijiet bħal dawn madankollu ma jimplikax r-rikonoxximent mill-gvern ċentrali ta' kull assoċjazzjoni individwali bħala interlokutriċi valida.

Fi strument tal-Kunsill tal-Ewropa ta' dan it-tip, huwa normali li d-dritt ta' appartenenza għal assoċjazzjonijiet professjonali

fuq livell nazzjonali għandu jkun akkumpanjat minn dritt korrispondenti ta’ appartenenza għal assoċjazzjonijiet internazzjonali, li uħud minnhom huma attivi fil-promozzjoni ta' unità Ewropea skont il-linji li jaqblu mal-għanijiet stabbiliti fl-istatut tal-Kunsill tal-Ewropa.

Madankollu, l-Artikolu 10.2 iħalli f’idejn l-Istati Membri individwali l-għażla tal-mezzi, leġiżlattivi jew le, li permezz tagħhom ghandu jseħħ dan il-prinċipju.

*Paragrafu 3*

Għandha wkoll tkun permessa kooperazzjoni diretta mal-awtoritajiet lokali individwali ta’ pajjiżi oħra, għalkemm il-forma ta' din il-kooperazzjoni għandha tirrispetta r-regoli legali li jistgħu jeżistu f'kull pajjiż u jitwettqu fil-qafas tas-setgħat tal-awtoritajiet ikkonċernati.

Id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Qafas Ewropea dwar it-Kooperazzjoni bejn Komunitajiet jew Awtoritajiet Territorjali (Mejju 21, 1980, ETS No. 106) huma partikolarment rilevanti f'dan ir-rigward, għalkemm xi forom ta’ kooperazzjoni m'hemmx għalfejn ikunu ristretti biss għaż-żoni tal-fruntiera.

*Artikolu 11*

B’rikors għal rimedju ġudizzjarju wieħed ghandu jifhem aċċess minn awtorità lokali għal:

a. qorti kostitwita b’mod xieraq, jew

b. korp statutorju indipendenti ekwivalenti li jkollu s-setgħa li jiddeċiedi u jagħti parir dwar id-deċiżjoni skont il-każ, dwar jekk kwalunkwe azzjoni, ommissjoni, deċiżjoni jew att amministrattiv ieħor ikunux skont il-liġi.

Kien hemm każ f'pajjiż wieħed fejn, għalkemm id-deċiżjonijiet amministrattivi ma jkunux soġġetti għal appell ordinarju għal xi qorti, huwa possibbli li tirrikorri għal rimedju straordinarju msejjaħ applikazzjoni għall ftuħ mill-ġdid tal-proċedimenti. Dan ir-rimedju ġudizzjarju, li huwa disponibbli jekk id-deċiżjoni hija bbażata fuq applikazzjoni manifestament żbaljata tal-liġi, huwa konformi mal-ħtiġijiet ta' dan l-artikolu.

*Artikolu 12*

Il-formulazzjoni tal-prinċipji ta' tmexxija awtonoma lokali stabbiliti fil-Parti I tal-Karta kellha tfittex li tlaqqa' d-diversità wiesgħa ta' sistemi legali u l-istrutturi tal-gvern lokali eżistenti fl-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa.

Dan l-artikolu għaldaqstant jadotta s-sistema ta' "in-nukleu obbligatorju" li kienet ġiet stabbilita għall-ewwel darba mill-Karta Soċjali Ewropea, billi jiddisponi li l-Partijiet għall-Karta Ewropea Dwar l-Awtonomija Lokali iridu jaċċettaw tal-anqas għoxrin mit-tletin paragrafu tat-Taqsima I tal-Karta, inklużi tal-anqas għaxra min-nukleu ta' erbatax-il prinċipju bażiku. Madankollu, billi l-għan aħħari jibqa' l-konformità mad-dispożizzjonijiet kollha tal-Karta, il-Partijiet huma speċifikament awtorizzati li jżidu mal-impenji tagħhom kif u meta dan isir possibbli.

*Artikolu 13*

Fil-prinċipju, ir-rekwiżiti imfassla fil-Parti I tal-Karta jikkonċernaw il-kategoriji jew livelli kollha ta' awtorità lokali f'kull Stat Membru. Huma potenzjalment japplikaw ukoll għall-awtoritajiet reġjonali fejn dawn ikunu jeżistu. Madankollu, il-forma legali jew status kostituzzjonali speċjali ta' ċerti reġjuni (b'mod partikolari l-Istati Membri tal-federazzjonijiet) jista'

jeskludihom milli jkunu soġġetti għall-istess rekwiżiti bħall-awtoritajiet lokali. Barra minn hekk, fi Stat Membru wieħed jew tnejn, teżisti kategorija ta' awtoritajiet lokali li, minħabba ċ-ċokon tagħhom, għandhom biss funzjonijiet żgħar jew konsultattivi. Sabiex jittieħed kont ta' każijiet eċċezzjonali bħal dawn, l-Artikolu 13 jippermetti lill-Partijiet li jeskludu ċerti kategoriji ta' awtoritajiet mill-ambitu tal-Karta.

*Artikolu 14*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jiffaċilita l-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-Karta mill-partijiet individwali, bil-ħolqien tal-obbligu biex dawn jagħtu l-informazzjoni rilevanti lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa. Speċjalment fin-nuqqas ta' korp speċifiku responsabbli għas-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-Karta, huwa partikolarment importanti li l-informazzjoni għandha tkun disponibbli lis-Segretarju Ġenerali dwar kull bidla tal-leġiżlazzjoni jew dwar miżuri oħra li għandhom impatt sinifikanti fuq l-awtonomija lokali kif definita fil-Karta.

*Artikoli 15 sa 18*

Il-klawżoli finali li jinsabu fl-Artikoli 15 sa 18 huma bbażati fuq il-mudell ta’ klawżoli finali għal konvenzjonijiet u ftehimiet konklużi taħt l-awspiċi tal-Kunsill tal-Ewropa.

Il-Karta Ewropea Dwar L-Awtonomija Lokali hija l-ewwel trattat internazzjonali vinkolanti li jig-garantixxi d-drittijiet tal-komunitajiet u tal-awtoritajiet eletti tagħhom. Infetħet għall-iffirmar bħala konvenzjoni mill-istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa fil-15 ta' Ottubru 1985 u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 1988. Fis-16 ta' Novembru 2009, ġie adottat Protokoll Addizzjonali dwar id-dritt ta' parteċipazzjoni fl-affarijiet tal-Awtoritajiet Lokali biex ikompli mat-test tal-Karta; daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2012. Il-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali jiżgura li l-prinċipji tal-Karta jiġu osservati f'dawk l-istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa li ffirmaw u rratifikaw il-Karta u l-Protokoll Addizzjonali.

Prems 217315

MLT

**www.coe.int**

Il-Kunsill tal-Ewropa hija l-organizzazzjoni ewlenija tal-kontinent dwar id-drittijiet tal-bniedem. Għandha 47 Stat Membru li minnhom 28 huma membri tal-Unjoni Ewropea. Il-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali huwa istituzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa, responsabbli għat-tisħiħ tad-demokrazija lokali u reġjonali fis-47 stat membri tiegħu. Għandu żewġt ikmamar – il-Kamra tal-Awtoritajiet Lokali u l-Kamra tar-Reġjuni – u tliet kumitati, u jiġbor flimkien 648 uffiċjali eletti li jirrappreżentaw aktar minn 200.000 awtoritajiet lokali u reġjonali.